MARSAXLOKK

Minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaxlokk, laqgħa nru. 12(2013), li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 2 Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru 2013, fil-5:30 p.m.

1. **Preżenti :**

| | |
|---|---|
| Sindku | Edric Micallef (E.M.) |
| Viċi-Sindku | Carmelo Bugeja (C.B.) |
| Kunsilliera | Stephen Caruana (S.C.) |
| | Steven Grech (S.G.) |
| | AngeloMicallef (A.M.) |

| | |
|---|---|
| **Segretarju Eżekuttiv** | Duncan Hall (D.H.) |

**Aġenda għal-laqgħa :**

1. Qari tal-Minuti
2. *Arisings* mill-Minuti
3. Komunikazzjonijiet tas-Sindku
4. Korrispondenza
5. Bye-Law dwar Swieq fil-berah u tqeghid ta' mwejed u siggijiet
6. Bankina fi Triq il-Wilga
7. Hatra ta' bord ta' evalwazzjoni ghal sejhiet numru MXLC03/2013 u MXLC05/2013
8. Hatra ta' bord ta' evalwazzjoni ghal sejha numru MXLC04/2013
9. Approvazzjoni ta' ħlasijiet
10. Affarijiet oħra

**Talba**

Is-Sur Angelo Micallef flimkien ma' dawk preżenti qal it-talba.

**1. Qari tal-Minuti**

1.1 Kopja tal-Minuti tas-SedutA preċedenti, Seduta Numru 11 (2013) kienet tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-Minuti ittieħdu bħala moqrija

1.2 Wara konsiderazzjoni fuq mozzjoni tas-Sur Steven Grech issekondata mis-Sur Edric Micallef unanimament approva il-minuti bħala dokumenti korretti.

**2 Arisings mill-Minuti**

2.1 Ma kienx hemm

**3 Komunikazzjonijiet tas-Sindku**

3.1 Permezz ta' ittra datata 4 ta' Settembru 2013, is-Sur Carmel Abel, direttur ghall-Gvern Lokali informa lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni li kien ghamel l-istess Kunsill Lokali ghal fondi sabiex ikun jista' jsir live-streaming tas-seduti (memo 17/2013), kienet giet milqugha u l-Kunsill Lokali kien ser jinghata l-ammont ta' €2300 f'ghajnuna finanzjarja ghal dan il-progett

3.2 Permezz ta' e-mail datat 26 t'Awissu 2013, il-Kunsill Lokali talba lill-Environmental Landscapes Consortium sabiex hekk kif sehh fis-snin precedent, isiru dwal dekorattivi gewwa zewg roundabouts f'Marsaxlokk ghal zmien il-Milied.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill illi risposta ghal din it-talba kienet ghadha ma waslitx.

3.3 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien attenda ghal seminar gewwa l-Kunsill Lokali tal-Birgu li matulu kienet giet varata skema li permezz taghha il-Kunsilli Lokali setghu jibbenefikaw minn fondi sabiex ikunu jistghu jixtru apparat sabiex ikollhom is-seduti *streamed live*. Is-Sur Micallef zied jghid illi kull Kunsill Lokali seta' jibbenefika minn massimu ta' €2300 permezz ta' l-iskema msemmija.

3.4 Is-Sur Edric Micallef qal illi flimkien mal-Vici-Sindku u l-Kunsillier Angelo Micallef kien zamm laqgha mal-Perit Paul Gauci li matulha gie diskuss l-*Environmental Impact Assessment* relatat mal-estensjoni tal-Power Station ta' Delimara. Is-Sur Micallef semma kif fost l-ohrajn ngibdet l-attenzjoni dwar l-irmigg tat-*tankers* u gie mistoqsi jekk dawn kienux ser ikunu qieghdin isorgu barra jew gewwa l-port.

3.5 Is-Sur Edric Micallef qal illi flimkien mal-Vici-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv kien zamm laqgha ma' rapprezentanti ta' Transport Malta u ta' l-assocjazzjoni tat-taxis. Is-Sur Micallef semma kif fost l-ohrajn il-Kunsill Lokali kien gie mitlub sabiex ikun hemm spazju allokat ghal *taxis* fi Triq Duncan. Dan l-ispazju kellu jkun riservat biss fil-gurnata tal-Hadd u ghal hinijiet limitati. Is-Sindku semma wkoll kif waqt l-istess seduta kienet giet diskussa l-materja ta' l-*open top buses* u gie deciz illi d-*drop off u pick up point* ghandu jkun sitwat biswit latrina pubblika fi Triq Xatt is-Sajjieda.

**4 Korrispondenza**

4.1 Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Awissu 2013, is-Sur Antonello Abela mill-*Public Contracts Review Board* informa lill-Kunsill Lokali illi appell kontra l-Kunsill Lokali ghal sejha ghall-offerti numru MXLC02/2013 ( *Tender for the Embellishment and Upgrading of Play Area at il-Maghluq*, Marsaxlokk) kien ser jinstema nhar l-Erbgha 14 ta' Awissu 2013.

4.2 Permezz ta' e-mail datat 7 ta' Awissu 2013, is-Sur Antonello Abela mill-Public Contracts Review Board informa lill-Kunsill Lokali illi appell kontra l-Kunsill Lokali ghal sejha ghall-offerti numru MXLC01/2013 (*Collection of Mixed household waste in an environmentally friendly manner*) kiern ser jinstema' nhar l-Erbgha 14 ta' Awissu 2013.

4.3 Permezz ta’ ittra datata 22 ta’ Lulju 2013, il-Perit Audrey Testaferrata deNoto f’isem Transport Malta infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-istess Transport Malta ma kienet issib ebda oggezzjoni ghall-ipparkjar ta’ vann tal-gilat fi Triq Xatt is-Sajjieda. Dan peress illi mill-aspett ta’ *road safety,* din il-mizura ma kienet ser tkun qiegdha tohloq ebda periklu.

4.4 Permezz ta’ e-mail datat 3 t’Awissu 2013, is-Sur Ricky Caruana, talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita’ illi jizbogh il-latrini pubblici.Dan flimkien ma’ manutenzjoni ohra li fl-opinjoni tieghu kienet mehtiega. Is-Sur Caruana qal illi huwa kien lest illi jaghmel ix-xoghol imsemmi ghas-somma ta’ €1100.

Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jiehu hsieb isewwi l-hsarat li kien hemm fil-latrini pubblici. Madanakollu minhabba l-fatt illi kien hem mil-hsieb illi l-latrini pubblici jigu mghoddija lil-kuntrattur permezz ta’ sejha ghall-offerti, is-Sur Bugeja qal illi huwa kien ta’ l-opinjoni illi ma jidholx fi spejjez ta’ tibjid eccetra. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ghandu jimxi fuq il-proposta tas-Sur Bugeja

4.5 Permezz ta’ e-mail datat 7 ta’ Awissu 2013, is-Sur Joseph Vella, f’isem Lornit Ltd. talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita’ illi jixtri sistema kompjuterizzata ghall-hrug ta’ permessi.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi fuq talba tas-Sur Vella, kellu laqgha ma’ Lornit Ltd. u kien gie muri s-sistema li kienet qieghda tigi proposta. Din kienet tikkonsisti f’software illi jikkontrollla kull tip ta’ permess mahrug mill-Kunsill Lokali. Is-Sur Hall zied jghid illi l-Kunsill Lokali seta jaghzel bejn zewg verzjonijiet tas-sistema PMS-Pro li ghaliha kien hemm hlas ta’ €1165 fis-sena u PMS-Basic li ghaliha kien hemm hlas ta’ €720 fis-sena.

Kien hemm diskussjoni libera li matulha gie diskussa s-sistema proposta u fost l-ohrajn issemma’ l-fatt illi permezz tas-sistema li kienet qieghda tipproponi Lornit Ltd, il-Kunsill Lokali seta’ jikkontrolla ahjar il-permessi mahruga specjalment permessi ghal-barbecues. Dan peress illi s-sistema kellha l-facilita’ illi tirregola l-ammont ta’ permessi li jinhragu ghal attivitajiet partikolari.

Is-Sur Angelo Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu is-sistema hekk kif deskritta mis-Segretarju Ezekuttiv kiene tajba hafna u fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jinvesti f’software simili. Huwa zied jghid illi sabiex tittiehed ideja ta’ software simili, fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu javvicina kumpanija indipendenti u tintalab stima ghall-izvilupp u maintenance ta’ sistema simili ghal dik proposta minn Lornit Ltd. Kemm il-darba l-ammont mitlub ikun jeccedi jew jikkumpara ma’ dak ta’ Lornit Ltd. , il-Kunsill Lokali kellu jixtri s-sistema hekk kif proposta minn Lornit Ltd. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill ghandu jimxi fuq il-proposta tas-Sur Micallef.

4.6 Permezz ta’ ittra datata 25 ta’ Lulju 2013 is-Sur Jesmond Baldacchino talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita’ illi jaghtih permess sabiex ikun jista’ jtella l-opra tal-bahar tieghu, fuq l-art fi Triq it-Trunciera (biswit skal). Wara diskussjoni qasira dwar din it-talba gie stabbilit illi s-sit identifikat mis-Sur Baldacchino ma kienx jaqa that ir-responsabilita’ tal-Kunsill Lokali izda tad-Dipartiment tas-Sajd. Is-Sur Baldacchino kellu jigi infurmat dwar dan.

4.7 Permezz ta’ e-mail datata 1 ta’ Awissu 2013, l-Awtorita’ Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet ser tkun qieghda tiddiskuti applikazzjoni numru PA0577/12 ( Masterplan ghat-tqeghid ta’ imwejjed u siggijiet gewwa Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk) nhar il-Hamis 29 ta’ Awissu 2013 fis-2:00p.m.

4.8 Permezz ta’ e-mail datat 11 ta’ Lulju 2013, is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kienet saret applikazzjoni mid-Dipartiment tas-Sajd sabiex isir ufficcju gewwa container fi Triq Xatt is-Sajjieda ( biswit il-facilitajiet tal-*hardstanding*). Is-Sur Micallef zied jghid illi

minhabba li l-perjodu ghall-oggezzjonijiet kien ghalaq qabel is-seduta tal-Kunsill Lokali, f'isem il-Kunsill Lokali kien oggezzjona ghal dan l-izvilupp. Dan peress illi fl-opinjoni tieghu, l-imsemmi zvilupp seta' facilment isir gewwa l-facilitajiet tal-hardstanding.

4.9 Permezz ta' e-mail datat 22 ta' Lulju 2013, is-Sinjura Borg Marie Jeanne, mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali illi kienet giet varata kompetizzjoni ghall-Kunsilli Lokali li xtaqu jippartecipaw fl-inizjativa *Car Free Day* 2013. Permezz ta' Memo 18/2013 is-Sa. Borg ghaddiet lill-Kunsill Lokali d-dettalji u l-parametri tal-kompetizzjoni.
Wara li nqrat il-memo kien hemm diskussjoni libera dwar jekk il-Kunsill Lokali ghandux jiehu sehem fil-kompetizzjoni. Finalment, kien hemm qbil unanimu illi kemm il-darba l-Kunsill Lokali kien ser jidhol ghal din l-inizjativa kienu ser jinholqu diversi problemi logistici.

4.10 Permezz ta' ittra datata 4 ta' Lulju 2013, is-Sinjura/ina Nathalie Muscat mill-Agenzija Programmi tal-Unjoni Ewropeja, infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-applikazzjoni li kien issottometta l-Kunsill Lokali taht il-programm GRUNDTVIG ma kenitx giet maghzula. Dan peress illi l-applikazzjoni tal-imsieheb Taljan ghall-istess progett kienet inkorretta u kellha xi dokumenti nieqsa.

4.11 Permezz ta' e-mail datat 17 ta' Lulju 2013, is-Sur Paul Dalli talab lill-Kunsill Lokali jevalwa applikazzjoni numru PA2598/12 li kienet tittratta bini ta' coldstores u facilitajiet ancillary gewwa l-lokalita'. Dan peress illi fl-opinjoni tas-Sur Dalli l-post maghzul ma kienx l-aktar wiehed idoneju ghall-izvilupp imsemmi.
Is-Sindku qal illi fil-fatt, wara li kien evalwa l-email irrizulta illi n-numru tal-applikazzjoni ma kienx dak li kien specifika is-Sur Dalli. Is-Sur Micallef ikkonferma illi fil-fatt il-Kunsill Lokali kien diga' evalwa l-applikazzjoni li ghaliha kien qieghed jirreferi s-sur Dalli u ghamel il-kunsiderazzjonijiet tieghu.

4.12 Permezz ta' e-mail datat 12 ta' Lulju 2013, is-Sa. Borg Marie Jeanne, infurmat lill-Kunsilli Lokali bi skema ta' ghajnuna finanzjarja ghal *streaming* tas-Seduti tal-Kunsill *online*. Fil-fatt permezz ta' Memo 17/2013, il-Kunsilli Lokali gew infurmati illi jistghu japplikaw sabiex jibbenefikaw minn finanzjament massimu ta' €2 300.
Is-Sindku qal illi f'dan ir-rigward kien attenda ghall-varar ta' din l-iskema li kienet saret gewwa l-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sur Micallef zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jidhol ghal din l-inizjativa. Dan ghaliex, minbarra li jkun aktar trasparenti, il-Kunsill Lokali ikun qieghed jasal ghand indivdwi illi ghal ragunijiet varji jkollhom interess fl-operat tal-Kunsill Lokali u ma jkunux jistghu jattendu fizikament ghas-seduti. Filwaqt li semma' l-fatt illi l-web site li kien qieghed jibni l-Kunsill Lokali kienet tiflah *live streaming*, is-Sindku

4.13 Permezz ta' ittra datata 25 ta' Gunju 2013, l-ufficcju ta' l-Ombudsman informa lill-Kunsill Lokali illi s-Sinjura/ina Fatima Grixti f'isem Shainick Ltd. kienet tablet illi kaz dwar karru ta' dghajsa li kien tnehha mill-Kunsill Lokali jerga' jinfetah. Dan ghaliex fl-opinjoni ta' Shainick Ltd., il-Kunsill Lokali ma kienx osserva l-ligijiet meta' nehha l-karru msemmi.
Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jibghat ir-risposta tieghu ghal din l-ittra

## 5 <u>Ingagg ta' skrivana</u>

5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien hekk kif deciz fl-ahhar laqgha kien talab lill-ANSEK sabiex tinnomina tliet Segretarji Ezekuttivi bil-ghan illi dawn jiffurmaw parti mill-bord tal-interviews ghal ingagg ta' skrivana fi skala 15. Wara li gie

iffurmat il-bord li kien kompost mis-Sur Paul Gatt ( Segretarju Ezekuttiv –KL Naxxar), is-Sur Arthur Perici ( Segretarju Ezekuttiv – KL Isla), is-Sur Kenneth Brincat –KL Qormi) u s-Sur Dunca Hall, saret l-evalwazzjoni tac-cv's li kien ircieva l-Kunsill Lokali u inghazlu ghaxar individwi li gew mitluba jattendu ghal *interview*. Is-Sur Hall zied jghid illi wara li kienu saru l-interviews kollha, il-bord iddiskuta l-kandidati u deher bic-car illi l-ghazla kienet bejn zewg individwi, is-Sinjura Roberta Sammut u s-Sinjura Joan Mifsud. Irrizulta illi s-Sinjura Sammut kellha esperjenza tajba hafna ta' Kunsilli Lokali ghaliex ghal numru ta' snin kienet tahdem bhala skrivana kif ukoll ufficjal ezekuttiv fi hdan il-Kunsill Lokali San Giljan. Madanakollu, is-Sinjura Sammut infurmat lill-Kunsill Lokali illi sa tmiem Gunju 2014 setghet tahdem filghodu biss peress illi kienet qieghda tiehu kors f'*childcare*. Filwaqt li ma kelliex esperjenza fil-hidma ta' Kunsilli Lokali is-Sinjura Joan Mifsud kienet kunfidenti hafna u dehret illi kellha ideja tajba ta' hidma f'ambjent ta' ufficcju. Is-Sinjura Mifsud tat l-impressjoni li kellha ideja tajba hafna tal-lokalita' u kienet midhla ta' l-attivita' kwotidjana gewwa Marsaxlokk.
Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, il-bord kien ghamel ir-rakkomandazzjoni tieghu wara li evalwa sewwa l-kandidati u ghaldaqstant, il-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni li saritlu u joffri l-opportunita' ta' impjieg lis-Sinjura Mifsud. Is-Sur Angelo Micallef issekonda din il-proposta li ghaddiet b'votazzjoni unanima.

## 6 <u>Bye-Law dwar swieq fil-berah u tqeghid ta' mwejjed u siggijiet</u>

6.1 Is-Sur Edric Micallef qal illi wara li fis-seduta precedenti kien gie deciz illi l-Kunsill Lokali jniehdi l-proceduri sabiex tigi adottata bye-law li tirregola s-swieq fil-berah u t-tqeghid ta' imwejjed u siggijiet. Is-Sur Micallef zied jghid illi l-amministrazzjoni kienet hadet hsieb illi tippublika avvizi fil-gazzetta tal-Gvern u f'gurnali lokali sabiex tistieden lill-pubbliku jevalwa l-abbozz li kien thejja u tressaq il-kunsiderazzjonijiet taghha. Il-Pubbliku kien inghata tliet gimghat cans sabiex iressaq il-kunsiderazzjonijiet tieghu.
Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali ma kien irceiva ebda suggeriment rigward l-abbozz ta' bye-law in-kwistjoni.
Filwaqt li sahaq li l-Kunsill Lokali kellu jiftah diskussjonijiet mal-Gvern Centrali sabiex tigi diskussa klawsola fl-lesiglazzjoni sussidjarja 441.04 li kienet konflingenti mal-bye-law li kien qieghed jipproponi l-Kunsill Lokali, is-Sindku informa lill-Kunsilliera prezenti illi kien gie avvicinat minn numru ta' Kunsilli Lokali li kienu wrew interess fil-bye-law in-kwistjoni.
Is-Sur Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra l-probabilita' illi jzomm laqgha ta' informazzjoni ghal kunsilli lokali in-kwistjoni sabiex kemm il-darba ikun possibbli id-diskussjoni, in-negozjati mal-Gvern Centrali isiru bhala grupp u mhux individwalment.

*F'dan l-istadju is-Sinjuri Stephen Caruana u Carmelo Bugeja iddikjaraw li kellhom kunflitt ta' interess f'din il-materja u filwaqt li nfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv li ma kienux ser jippartecipaw fid-diskussjoni hargu mill-kamra tas-Seduta.*

Is-Sur Steven Grech issekonda l-proposta tas-Sindku li ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

## 7 <u>Revizjoni tal-pjan Lokali ( Awtorita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar)</u>

7.1 Is-Sindku qal illi l-Kunsill Lokali kien gie avvicinat mill-Aworita' Maltija ghall-Ambjent u l-Ippjanar u kien gie infurmat li kienet ser issir revizjoni tal-pjan Lokali. Is-Sur Micallef zied jghid illi ghal dan il-ghan kienet inzammet laqgha ma' rapprezentanti tal-MEPA li ghaliha flimkien mieghu kienu prezenti l-Vici-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv u li matulha kienu gew diskussi diversi temi. Wara li ghadda sabiex jaqra l-minuti tal-laqgha, sabiex il-

Kunsilliera ikunu nfurmati dwar dak li kien gie diskuss, is-Sindku informa lill-Kunsill illi l-MEPA kienet ser tilqa' suggerimenti dwar il-pjan lokali sal-ahhar ta' Settembru 2013. Is-Sur Micallef heggeg lill-Kunsilliera sabiex jevalwaw il-pjan lokali ezistenti u jressqu l-proposti taghhom fis-seduta segwenti sabiex dawn ikunu jistghu jigu diskussi mal-MEPA.

## 8 Mozzjonijiet

8.1 *Mozzjoni numru 01/2013 (VI)*

*Nipproponi illi l-Kunsill Lokali japplika ghal skema ta' finanzjament ghal streaming tal-laqghat online. Dan ghandu isir permezz ta applikazzjoni skond memo17/2013 mahruga mid-Dipartiment ghall-Gvern lokali u li ghaliha il-Kunsill Lokali jista' japplika sabiex jibbenefika minn massimu ta' €2300*

Mozzjoni : Is-Sindku – Perit Edric Micallef
Sekondant: Il-Vici-Sindku – Is-Sur Carmelo Bugeja

Il-Kunsill Lokali unanimament approva din il-mozzjoni

## 9 Approvazzjoni ta' hlasijiet

9.1 Fuq mozzjoni tas-Sur Carmelo Bugeja u li giet issekondata mis-Sur Steven Grech, il-Kunsill Lokali approva unanimament il-pagamenti li huma inkluzi fl-iskeda ta' pagamenti (Skeda 08/2013) li hi annessa u tifforma parti minn dawn il-Minuti

## 10 Affarijiet Ohra

10.1 Is-Sur Stephen Caruana qal illi kienu avvicinawh xi residenti dwar umbrelel li kienu tpoggew gewwa Pjazza Madonna ta' Pompei mis-sidien tal-istabbiliment Ristorante dell'Arte. Huwa zied jghid illi kien qieghed jigi allegat illi l-umrelel li tpoggew kienu jokkupaw spazju akbar minn dak li kellu allokat l-istess stabbiliment.
Wara diskussjoni libera dwar din it-tema gie deciz illi ghandha tintbaghat ittra lis-sidien ta' l-istabbilimenti kollha li kien hemm fi pjazza Madonna ta' Pompei.

10.2 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport ta' kull kwart ghall-perjodu April-Gunju 2013. Huwa spjega kif ghall-perjodu kkoncernat id-dhul u l-infiq tal-Kunsill Lokali kien jirrifletti dak illi gie ppjanat fil-budget. Wara diskussjoni libera li matulha gie diskuss fid-dettall ir-rapport ta' kull kwart, is-Sur Carmelo Bugeja ressaq proposta sabiex ir-rapport jigi approvat hekk kif propost. Is-Sur Angelo Micallef issekonda u l-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima fost dawk prezenti.

10.3 Is-Sindku qal illi Silvar Construction & Services Ltd., il-kumpanija li kienet qieghda twettaq ix-xogholijiet f'Xatt is-Sajjieda kienet lestiet ix-xoghol. Minhabba l-fatt illi permezz tal-kuntratt li kellu mal-Kunsill Lokali ma setax jaghmel ix-xogholijiet kollha, il-kuntrattur inghata struzzjonijiet sabiex jaghmel ix-xoghol kollu fit-triq eskluz l-ahhar saff ta' asphalt ta' 40 millimetru. Is-Sindku zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra jekk ghandiex tinhareg sejha ghall-offerti sabiex isir ix-xoghol li kien fadal. Wara diskussjoni qasira dwar din il-materja kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu johrog sejha ghall-offerti ghall-asphalt ta' parti minn Triq Xatt is-Sajjieda. Gie deciz ukoll illi l-Kunsill Lokali kellu jitlob permess lil Transport Malta sabiex isiru *traffic calming measures* fit-triq in-kwistjoni.

10.4 Is-Sur Stephen Caruana qal illi kien gie avvicinat minn xi residenti li kienu ilmentaw illi U-Channel li kienet saret fi Triq Duncan kienet qasira wisq u kien jinhtieg illi titwal b'madwar metru. Is-Sur Caruana talab lill-Kunsill Lokali jevalwa l-possibilita' illi jiehu hsieb sabiex permezz tal-haddiema li kellu assenjati mieghu. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Loklai ghandu jwettaq ix-xoghol mitlub mis-Sur Caruana.

10.5 Is-Sur Stephen Caruana qal illi kienu avvicinawh xi residenti li kienu jabitaw gewwa d-djar tas-Sajjieda fi Triq Xatt is-Sajjieda peress illi kien qieghed ikun hemm hafna parkegg illegali kemm fuq il-bankina kif ukoll gewwa mini li kien jservu bhala access ghar-residenzi. Wara diskussjoni libera dwar din il-materja, irrizulta illi z-zona li kienet qieghda tintuza ghall-parkegg illegali ma kenitx taqa' mar-responsabilitajiet tal-Kunsill Lokali.

10.6 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill Lokali illi kien gie avvicinat mis-Sinjorina Mary Cachia rigward il-kuntratt ghal-kirja li kien hemm bejn iz-zewg partijiet ghall-ufficcju amminsitrattiv tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Hall informa lill-Kunsilliera prezenti illi l-kuntratt ezistenti kien jara l-Kunsill Lokali ihallas is-somma ta' €5200 fis-sena ghall-kiri tal-binja tal-Kunsill Lokali. Huwa zied jghid illi wara illi l-kuntratt in-kwistjoni skada gie avvicinat mis-Sinjorina Cachia bil-ghan illi jigi ffirmat kuntratt gdid. Madanakollu, is-Sa. Cachia kienet tablet zieda fil-prezz tal-kirja u l-hlas annwali kellu jkun ta' €6000 ewro fis-sena. Minbarra dan is-Sa. Cachia infurmat lill-Kunsill Lokali illi kemm il-darba jintlehaq qbil, hija kienet disposta li tbigh l-ufficcju amministrattiv lill-Kunsill Lokali. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi minn diskussjoni li kellu mas-Sa. Cachia dwar din it-tema irrizulta illi l-prezz mitlub kien ta' €302 000.

Is-Sur Edric Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali ma kellu ebda alternativa hlief illi jaccetta li jhallas l-ammont ta' kera li kienet qieghda titlob is-Sa. Cachia. Dan peress illi l-ammont mitlub ma kienx wiehed eccessiv u l-Kunsill Lokali ma kellu ebda alternativa ohra. Is-Sur Micallef qal illi fl-opinjoni tieghu ma kentix tkun ideja hazina illi l-Kunsill ikollu proprjeta' tieghu. Is-Sur Carmelo Bugeja filwaqt li tenna li kien jaqbel ma' dak li kien qal is-Sur Micallef zied jghid illi kemm diversi fatturi li setghu ikunu ta' beneficcju ghall-Kunsill Lokali kemm il-darba ikollu l-proprjeta' tieghu. Is-Sur Bugeja zied jghid illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu joffri somma lis-Sa. Cachia ghax-xiri tal-ufficcju amministrattiv. Wara diskussjoni libera kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu joffri s-somma ta' €256231 lis-Sa. Cachia ghax-xiri tal-proprjeta' in-kwistjoni. Kien hemm bqil ukoll illi l-Kunsill Lokali kellu jaccetta l-hlas mitlub mis-Sa. Cachia bhala kera ghall-istess proprjeta' b'effett mill-1 ta' Jannar 2013. Dan naturalment sakemm ma jintlehaqx qbil fuq ix-xiri.

10.7 Is-Sindku qal illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jikkunsidra illi jipprovdi kontenituri sabiex fihom ikun jista' jintrema' c-charcoal iggenerat mill-barbecues fiz-zoni permessibbli. Huwa zied jghid illi din kienet wahda mill-kundizzjonijiet marbuta ma' bye-law applikabbli ghal-lokalita'. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimplimenta l-proposta tas-Sur Micallef.

10.8 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera prezenti dwar il-bzonn illi l-amminsitrazzjoni ikollha *safe* fejn ikun jista' jinzamm il-*cash*. Is-Sur Hall zied jghid illi l-amministrazzjoni kienet qieghda tigi ffaccjata b'kazijiet fejn ammonti konsiderevoli ta' flus kontanti, li jingabru minn hlasijiet jinzammu fl-iskrivaniji tal-impjegati bir-riskji kollha lid an igib mieghu. Huwa zied jghid illi lf-opinjoni tieghu, kien ikun aktar ghaqli li l-amministrazzjoni ikollha safe fejn terfa' il-flus kontanti migbura matul il-jum. Kien hemm qbil unanimu illi l-kunsill Lokali ghandu jixtri safe .

10.9 Is-Sur Carmelo Bugeja qal illi minkejja li l-Kunsill Lokali kien wahhal tabelli sabiex jigu infurzati bye-laws applikabbli ghal Marsaxlokk kien ghad hemm numru konsiderevoli ta' individwi li kienu qieghdin jabbuzaw. Is-Sur Bugeja zied jghid illi fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jaghmel stqarrija ghall-istampa sabiex titqajjem aktar kuxjenza dwar l-imsemmija bye-laws. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill ghandu jaghmel stqarrija ghall-istampa sabiex il-pubbliku in-generali ikun konxju mill-imsemmija bye-laws.

10.10 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi galadarba l-process ta' ingagg ta' skrivan/a jkun komplut kien jinhtieg illi jinxtara kompjuter gdid. Kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali ghandu jixtri l-kompjuter hek kif mitlub mill-amministrazzjoni.

10.11 Is-Sur Steven Grech qal illi kien innota illi l-ghassa tal-pulizija tal-lokalita' kienet qieghda tkun maghluqa ghal hinijiet twal. Kawza ta' dan diversi residenti kienu qieghdin isibuha difficli biex jiehdu s-servizzi li jkollhom bzonn. Kien hemm diskussjoni libera dwar din it-tema li matulha ssemma' fost l-ohrajn il-fatt li l-pulizija kienet qieghda tilmenta minn nuqqas ta' rizorsi umani. Finalment, kien hemm qbil unanimu illi ghandha tintbaghat ittra lill-kummissarju tal-pulizija dwar din it-tema.

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Settembrun 2013 fil-5:30p.m.

**Edric Micallef**
**Sindku**

**Duncan Hall**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data :**